**183. L-Onor. Jason Azzopardi jipproponi:**

Peress li fis-Seduta Nru 145 tas-17 ta' Ottubru 2018 ingħata *Ruling* minn Mr Speaker li fih iddeċieda li *tweet* tal-Onor. Azzopardi tal-10 ta' Ottubru 2018 kien fih kliem li kien imur kontra l-Ordni Permanenti numru 60 u li l-każ imqajjem jammonta għal *prima facie* ksur ta' privileġġ taħt l-artikolu 11 tal-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra, Kap.113;

Peress li l-Onor. Azzopardi huwa aggravat minn tali *Ruling* għal diversi raġunijiet, kemm ta' natura fattwali u anke ta' natura ta' Liġi, apparti l-implikazzjonijiet serji li dan ir-*Ruling* għandu fuq l-imminar tal-eżerċizzju tad-dritt fundamentali tal-espressjoni politika f'pajjiżna mill-Membri Parlamentari f'materja ta' gravità nazzjonali;

Peress illi hu dmir ta' kull Membru Parlamentari, iktar u iktar tal-Oppożizzjoni, li jżomm taħt skrutinju għemil il-Gvern u l-membri tiegħu, liema skrutinju ma jiswa xejn jekk ma jiġix imħares id-dritt fundamentali tal-espressjoni politika ta' kull Membru Parlamentari;

Peress illi d-dritt fundamentali tal-espressjoni politika ta' Membru Parlamentari huwa ogħla minn kull Ordni Permanenti li ma jistgħux jintużaw jew jiġu interpretati biex jidfnu jew jirreprimu tali dritt fundamentali, liema dritt fundamentali la jingħata mis-Sedja u lanqas jittieħed mis-Sedja;

Peress li hu inkonċepibbli li s-Sedja tiċċensura dak li jinkiteb jew jintqal minn Membru Parlamentari barra mill-Kamra, iktar u iktar meta l-liġijiet tal-pajjiż joffru rimedju għal min iħossu malafamat u m'għandux il-faħam miblul;

Peress li s-Sedja interpretat ħażin l-Ordni Permanenti numru 60, għax dan huwa parti minn Kapitolu imsejjaħ "Ordni fil-Kamra" u għalhekk għandu jkun ovvju għal min irid ikun tassew oġġettiv li *tweet* fuq *social media* ma taqax taħt din il-kategorija;

Peress li kulma għamel l-Onor. Jason Azzopardi, u li s-Sedja iċċensurat, huwa li rrepeta fil-pubbliku dak li ġie rrappurtat fil-pubbliku kemm-il darba u rrivelat minn grupp ta' ġurnalisti investigattivi barranin li qegħdin jinvestigaw kulmin seta' kien involut fl-omiċidju tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia, materja ta' gravità liema bħalha, inkluż u b'mod partikolari:

i) Inkontri bejn l-Onor. Ministru Chris Cardona ma' wieħed mit-tliet persuni akkużati li wettqu l-omiċidju b'karozza bomba ta' Daphne Caruana Galizia, liema inkontri seħħu sija qabel id-data tal-omiċidju u sija wara, inkluż sa ftit sigħat qabel ma dawn ġew arrestati fil-5 ta' Diċembru 2017;

ii) Il-qrubija bejn il-Ministru Chris Cardona u persuna Maltija allegatament involuta fil-kuntrabandu, tant li f'Ottubru 2016 ġie rrapurtat li dan kien ċempel lill-Onor. Ministru Cardona ftit wara li kien ċempel lil Daphne Caruana Galizia, u warajh imbagħad ċempel lil persuna oħra li llum ukoll jinsab akkużat bl-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia;

iii) Il-fatt li l-Ministru Chris Cardona inqabad jigdeb lil konsorzju ta' ġurnalisti barranin fid-19 t'April 2018 dwar jekk qattx kien preżenti fl-istess ħin ma' wieħed mill-akkużati tal-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia f'*bar* fis-Siġġiewi;

iv) Il-fatt li l-Onor. Ministru Chris Cardona, meta kien ikkuntattjat minn dawn il-ġurnalisti barranin fil-ġimgħat li għaddew, irrifjuta li jkellimhom u b'hekk irrifjuta l-opportunità, u naqas minn dmiru bħala Ministru tal-Gvern li għandu jġib ruħu 'l fuq minn kull suspett, li jagħti spjegazzjoni ċara u dettaljata għal dawn l-akkużi;

Peress li dan kollu ġara ftit ġimgħat biss wara li l-Onor. Ministru Cardona waqqa' l-kawżi ta' libell li kien għamel lil Daphne Caruana Galizia meta kienet akkużatu li waqt li kien waqt xogħol Ministerjali fil-Ġermanja huwa fil-fatt kien f'burdell, f'imġiba korrotta għall-aħħar mal-konsulent tiegħu, u b'hekk irrifjuta li l-Qorti u l-pubbliku jkunu jafu d-dettalji tal-informazzjoni (*call logs*) li l-*mobile service providers* kienu għaddew lill-Qorti u liema informazzjoni turi bi preċiżjoni fejn fil-fatt kien l-Onor. Ministru Chris Cardona dakinhar li ġie akkużat li kien f'burdell;

Peress li sal-lum l-Onor. Ministru Chris Cardona għadu qed jirrifjuta li jippubblika dawn il-*call logs* li juru darba għal dejjem jekk qalx il-verità jew le meta ċaħad dawn l-akkużi;

Peress li bl-imsemmi *Ruling*, is-Sedja, bi preċedent perikoluż, arrogat lilha nnifisha d-dritt li tiċċensura, ixxekkel u ssikket id-dibattitu politiku li jseħħ barra mill-Kamra f'materja li m'għandha ebda impatt fuq ix-xogħol parlamentari u b'hekk effettivament saret l-argużin u l-keffiena tad-dibattitu politiku, minflok irrikonoxxiet li kien hemm u għad hemm liġijiet li Membru Parlamentari jista' jagħmel użu minnhom għal rimedju fil-Qrati tagħna jekk iħoss li jkun ġie inġurjat;

Peress li s-Sedja fir-*Ruling* imsemmi sabet lill-Onor. Jason Azzopardi ħati fuq bażi *prima facie* ta' ksur ta' privileġġ għax qalet li ma kellhiex diffikultà tiddentifika lill-Onor. Ministru Cardona għax kien hu li għamel bosta interuzzjonijiet (waqt id-diskors tal-Onor. Simon Busuttil) u kiser il-*bon ordni* fil-Kamra, iżda inkredibbilment ma sabet xejn x'tiċċensura fl-imġiba tal-Onor. Ministru Chris Cardona;

Peress li l-Onor. Azzopardi, u kull Membru Parlamentari ieħor bħalu, m'għandux jinżamm responsabbli għal dak li Membru Parlamentari ieħor, fil-libertà assoluta tiegħu, għar-raġunijiet tiegħu u fil-kuxjenza tiegħu jiddeċiedi li jħoss li għandu jemmen kliem jew kitba jkunu qed jiddeskrivuh, kif igħid il-Malti: "jekk jiġik il-kappell, ilbsu; jekk le, tilbsux". Evidenti li f'dan il-każ l-Onor. Ministru Cardona għażel li jilbes il-kappell;

U peress li l-Ordni Permanenti numru 62 jipprovdi li kull Membru jkun jista' b'mozzjoni magħmula wara avviż u fi żmien jumejn mill-għoti ta' dik id-deċiżjoni, jagħmel mozzjoni li dik id-deċiżjoni tal-iSpeaker tiġi riveduta u li jsir rapport fuqha mill-Kamra u li dak ir-rapport għandu jitniżżel fil-minuti tal-proċeduri tal-Kamra;

Għalhekk din il-Kamra taqbel u tirriżolvi li r-*Ruling* tal-iSpeaker li ngħata fis-Seduta Numru 145 nhar l-Erbgħa, 17 ta' Ottubru 2018 dwar *tweet* tal-Onor. Jason Azzopardi għandu jiġi rivedut u jsir rapport fuqu mill-Kamra u li dak ir-rapport jitniżżel fil-minuti tal-proċeduri tal-Kamra.

19.10.2018